MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 434/2011

**Dr. Nicholas Valenzia bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Peters Schiffbau GMBH**

**vs**

**MV John Mitchell**
**(Nru. Ufficcjali 3679 – Nru. IMO 9121857)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur datat it-2 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu bil-gurament sintetikament espona s-segwenti:

1. Illi l-bastiment konvenut MV John Mitchell, liema bastiment liema bastiment għandu tul ta' 95.260 metru u huwa irreġistrat ġewwa *Antigua and Barbuda* bin-Numru Uffiċjali 3679, in-Numru IMO 9121857, u l-*call sign* V2KA1, kif jirriżulta miċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni hawn

anness u mmarkat bħala ***"DOK PS1",*** huwa debitur tas-soċjeta rikorrenti fis-somma ta' disgħa u sittin elf, sebgħa mija u erbgħin Euro (€ 69, 740.00) kif jirriżulta mill-i*statement* u mill-istqarrija maħruġa minn *Peters Schiffbau GMBH* fit-tletin (30) ta' Marzu 2011 (kopja annessa u mmarkata ***"DOK PS2"***) u fit-tnax (12) ta' April 2011 (kopja annessa u mmarkata ***"DOK PS3"***) rispettivament;

**2.** Illi dan l-ammont ta' disgħa u sittin elf, sebgħa mija u erbgħin Euro (€ 69, 740.00) jikkonsisti f'parti mhux mħallsa ta' l-*invoice* maħruġa mis-soċjeta' rikorrenti fl-għoxrin (20) ta' Settembru 2010 fir-rigward ta' spejjes relatati ma servizzi ta' tiswija u tagħmir mitluba mil-bastiment konvenut u mogħtiju lilu mis-soċjeta' rikorrenti, kopja ta liema *invoice* qiegħda tiġi hawn annessa u immarkata bħala ***"DOK PS4"*** bi traduzzjoni ta' l-istess *invoice* li qiegħda tiġi hawn annessa u immarkata bħala ***"DOK PS5"***.

**3.** Illi dan l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut mil-bastiment konvenut lis-soċjeta' rikorrenti għaliex jirrappreżenta prezz ta' servizzi rikjesti mil-bastiment konvenut innifsu u reżi mis-soċjeta' rikorrenti għal-benefiċċju ta' l-istess bastiment;

**4.** Illi sid il-bastiment konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex jħallas l-ammont dovut kif spjegat hawn fuq iżda, għalkemm dan l-ammont qatt ma ġie b'xi mod ikkontestati, l-ammont baqa ma tħallas qatt;

**5.** Illi għalhekk qiegħda ssir din il-kawża għall-ħlas ta' l-ammont dovut mil-bastiment konvenut għal servizzi reżi mis-soċjeta rikorrenti matul il-perijodu mis-sebgħa (7) ta' Ġunju 2010 sat-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju 2010;

Illi in oltre r-rikorrenti talab is-segwenti:

(i) Tiddikjara li l-bastiment konvenut huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' disgħa u sittin elf, sebgħa mija u erbgħin Euro (€ 69, 740.00), konsistenti fi spejjeż relatati ma' servizzi, inkluż ta' tgħamir u tiswija, provduti lil-bastiment konvenut u dovuta għall-perjodu

mis-sebgħa (7) ta' Ġunju 2010 sat-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju 2010;

(ii) Tikkundanna lill-bastiment konvenut jħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-imsemmija somma ta' disgħa u sittin elf, sebgħa mija u erbgħin Euro (€ 69, 740.00) fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi stipulat mil-Qorti.

Bl-ispejjez ġudizzjarji, inklużi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar 'il fuq minn għaxar metri akkordat fit-tnax (12) ta' April 2011, u bl-imgħaxijiet legali, bl-ogħla rata applikabbli ai termini tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tar-rikorrenti nomine datat it-30 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu iddikjara li kien qed jistrieh fuq l-atti kif esposti;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Tirrileva li l-bastiment intimat gie debitament notifikat skont il-ligi;

Tirrileva wkoll li l-istess bastiment intimat ghazel li ma jressaq l-ebda evidenza jew provi ohra f'udjenza appozitament rizervata ghal dan l-iskop;

Illi in vista tal-premess din il-qorti m'ghandhiex ragunijiet ghaliex ma tilqax it-talbiet tar-rikorrenti nomine;

Ghaldaqstant, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti nomine u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-bastiment intimat huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' disgha u sittin elf, seba' mija u erbghin Ewro, (€69,740.00), kif indikat fl-ewwel talba kontenuta fir-rikors promotur;

2. Tikkundanna lill-bastiment intimat MV John Mitchell biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti,

senjatament ta’ disgha u sittin elf, seba’ mija u erbghin Ewro, (€69,740.00), fi zmien xahrejn mil-lum;

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat t’arrest ta’ bcejjec tal-bahar kif indikat fl-istess rikors promotur, u bl-imghaxijiet legali skont il-ligi mid-data kif indikata fl-istess rikors promotur.

______________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------